# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, it-Tlieta 5 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 28.**
**Citazz. Nru. 317/01 JRM**

**SIMONDS FARSONS CISK p.l.c.**

**vs**

**Hubert MAMO**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi b'skrittura li ggib id-data tat-18 ta' Lulju, 2000, id-ditta attrici ghaddiet lill-konvenut is-somma ta' Lm2,065, fil-waqt li l-konvenut, li kien jigextixxi l- istabbilmenti

maghrufa bl isem ta' Alstadt Tavern, Paceville, obbliga ruhhu "not to sell any other products which are similar to the products and marketed by the Company", cioe', ta' dik attrici, u dana ghall-periodu ta' tlett snin, f'liema periodu l-konvenut kellu jixtri prodotti minghand id-ditta attrici ghall-valur ta' Lm5,000 kull sena u fl-istess hin jirrifondi lura s-self mid-discounts li kellu jinghata fuq il-prodotti li jixtri minghand id-ditta attrici;

Illi l-konvenut kiser dan il-ftehim u, ghalhekk, il-konvenut ghandu jitqies li ddekada mill-beneficcju tat-terminu moghti lilu u ghandu jigi kkundannat jhallas kull bilanc dovut;

Illi mill-imsemmja somma ta' Lm2,065, il-konvenut ma lahaq skonta xejn, u ghandu, ghalhekk, ihallas is-somma kollha lilu mislufa;

Illi l-konvenut interpellat biex ihallas din is-somma, anke ufficcjalment, baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex ghar-ragunjiet fuq imsemmija;

1. M'ghandux jigi dikjarat li l-konvenut agixxa bi ksur tal-ftehim fuq imsemmi, u ghandu, ghalhekk, jirrifondi id-ditta attrici s-somma imsemmija ta' Lm2065 u konsegwentement:

2. M'ghandux l-istess konvenut jigi kkundannat ihallas lid-ditta attrici s-somma imsemmija ta' Lm2,065 (elfejn, u hamsa u sittin liri maltin) dovuti lilha kif fuq spjegat;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali tat-22 ta' Dicembru, 2000, u bl-imghaxijiet legali tat-8% mid-data tal-imsemmija skrittura (cioe' 18 ta' Lulju, 2000), kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-Socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi jigi dikjarat li l-konvenut agixxa bi ksur tal-ftehim fuq imsemmi u ghandu ghalhekk jirrifondi lid-ditta attrici s-somma ta' elfejn u hamsa u sittin liri maltin (Lm2065) u konsegwentement l-istess konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lid-ditta attrici s-somma imsemmija ta' Lm2,065, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22

ta' Dicembru, 2000, u bl-imghaxijiet dekorribili kif jinghad fic-citazzjoni kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**5 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Gunju, 2001.**